*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci, L. Armati u B. Sasinowska, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, prinċipalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/321 tat-2 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/224 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali li jippermettu lis-servizz kummerċjali offrut mis-sistema stabbilita skont il-programm Galileo jissodisfa l-funzjoni prevista fl-Artikolu 2(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2018, L 62, p. 34), u, sussidjarjament, għall-annullament tal-punt 2 tal-Artikolu 1 tal-istess deċiżjoni.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *Fugro NV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 240, 9.7.2018.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2019 — CJ vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża T-1/19)** ([1])

***("Dritt istituzzjonali — Dokumenti, aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-internet, relatati ma' kawżi magħluqa quddiem il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Talba għal anonimat ex post — Nuqqas min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tilqa' t-talba — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Teħid ta' pożizzjoni fil-mori tal-kawża — Tmiem tas-suġġett tat-tilwima — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2019/C 295/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* CJ (rappreżentant: V. Kolias, avukat)

*Konvenuta:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Inghelram, Á. Almendros Manzano, u V. Hanley-Emilsson, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea astjeniet ruħha b'mod illegali milli tagħti, *ex post*, il-benefiċċju tal-anonimat lir-rikorrent, f'dak li jirrigwarda d-dokumenti, aċċessibbli għall-pubbliku, relatati ma' kawżi magħluqa quddiem il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, jew, sussidjarjament, milli tagħmel verżjonijiet bl-ismijiet mhux aċċessibbli għall-fornituri ta' magni tat-tiftix fuq l-internet.

**Dispożittiv**

1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 164, 13.5.2019.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 — Lombardo vs Il-Parlament**

**(Kawża T-411/19)**

(2019/C 295/50)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Raffaele Lombardo (Catania, l-Italja) (rappreżentant: M. Merola, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara ineżistenti jew tannulla kompletament il-miżura li dwarha r-rikorrent kien infurmat permezz tal-komunikazzjoni kkontestata, li biha l-Parlament Ewropew iddetermina mill-ġdid id-drittijiet tal-pensjoni tal-irtirar u ordna l-irkupru tal-ammont imħallas abbażi tad-determinazzjoni tal-pensjoni preċedenti;

— tordna lill-Parlament Ewropew jħallas lura s-somom kollha miżmuma indebitament, flimkien mal-interessi legali mid-data taż-żamma sad-data tal-ħlas, u li l-Parlament Ewropew jiġi kkundannat li jimplimenta s-sentenza li ġejja u jieħu l-inizjattivi, l-atti jew il-miżuri kollha meħtieġa, sabiex jiggarantixxi l-istabbiliment mill-ġdid u sħiħ immedjat tal-portata oriġinali tal-benefiċju tal-pensjoni;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.